MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-3 ta' Settembru, 2008

Numru. 388/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Martin Sammut)**

**Vs**

**Kenneth Mamo ta' 25 sena, iben Joseph u Maria Theresa nee` Medati, imwieled 25 ta' Ottubru, 1981 Pieta', u residenti 183, Flat6, Triq Rudolfu, Sliema, ID 583381M**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat ui cioe` talli f'dawn il-Gzejjer, nhar l-1 ta' Mejju 2007, f'xi hin bejn it-tmienja u nofs (20.30hrs) u d-disgha (21.00hrs) ta' filghaxija, gewwa l-istabiliment Ryan's Irish Pub, sitwat fi Triq Wied Ghomor, San Giljan u/jew fil-vicinanzi;

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew iqieghed l-hajja fil-periklu car, ikkaguna ferita ta' natura gravissima fil-gisem ta' Christopher Falzon minn Attard.

2. Volontarjament kiser l-bon ordni jew il-kwiet pubbliku, bl-ghajjat u glied

U aktar talli sar recediv b'sentenza tal-Qorti moghtija nhar it-3 ta' Mejju, 2004, liema sentenza hija definitiva u ma tistax tinbidel.
Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-artikolu mibghuta mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tat-22 ta' Gunju, 2007;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat ghall-akkuza kif dedotti fil-konfront tieghu;

Rat illi l-imputat ma kellux oggezzjoni illi dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja;

Ikkonsidrat;

Illi fid-dawl ta' l-ammissjoni mghamulha mill-imputat u fid-dawl tal-provi migjuba quddiema, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Illi dwar il-piena l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni maghmula mill-imputat u l-fatt illi jirrizulta mill-atti tal-kawza li l-imputat ammetta li zbalja fl-azzjonijiet tieghu u sahansitra accetta illi jhallas somma ta' hdax il-elf sitt mija u seba' u ghoxrin euro (€11,627) bhala kumpens lil vittma ghal griehi sofferti minnu, liema ammont diga thallas ghas-saldu. Illi l-fedina penali ta' l-imputat ma hijiex xi wahda allarmanti u jidher illi l-imputat illum irrejalizza li zbalja u ghalhekk certament piena karcerarja ma hijiex idonea f'dan il-kaz.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi wara li rat l-artikoli 218(1)(a)(b), 216, 338 (dd), 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi

migjuba kontrih izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tillibera lill-hati bil-kundizzjoni illi huwa ma jikkommettix reat iehor fi zmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegnwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkomettu reat iehor matul il-perijodu ta' liberta kondizzjonata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------